Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum il-15 ta' Lulju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Josric Mifsud)**

**Versus**

**Damien Cesare**
**(116798M)**

**Kumpilazzjoni numru: 53/18**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Damien Cesare ta' 19-il sena, iben Mario u Rosanna nee Grima, imwieled Pieta', nhar il-21 ta' Marzu 1998, residenti fil-fond numru Flat 5, 8 ta' Dicembru, Triq San Mark, Bormla detentur tal-karta ta' l-Identita Numru 116798M

Akkuzat talli nhar il-14 ta' Jannar 2018, ghal habta ta' bejn it-tlieta u kwart u t-tlieta u ghoxrin (1515hrs-1520hrs) ta' wara nofsinhar, gewwa Triq Dawret L-Isptar, Birgu:

a) Hebb ghal Lynsey Marie Harrington omm uliedu w kkagunala offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikat minn Dr. Mark Aquilina (Reg no 3419) u dan bi ksur tal-artikoli 221(1) u 222(1)(a) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Bil-hsieb li jaghmel ferita fuq il-persuna ta' Monica Harrington wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi dahal gewwa d-dar u gera wara l-imsemmija Monica Harrington omm Lynsey Marie Harrington, liema delitt ma giex ezegwiet minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta tieghu.

c) Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubbliku b'ghajjat u storbju.

d) Fl-istess dati, hin u cirkustanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Lynsey Marie Harrington, omm uliedu biza' li se tintuza vjolenza kontriha u kontra familjari taghha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew immisu kien jaf li l-imgieba tieghu se jikkaguna lil Lynsey Marie Harrington u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

e) Fl-istess dati, hin u cirkustanzi harab mill-kustodja tal-persuna jew persuni inkarigati mill-kustodja tieghu, u cioe meta harab mill-karrozza tal-pulizija.

f) Talli nhar il-14 ta' Jannar 2018, u xhur u granet ta' qabel din il-gurnata, gewwa dawn il-gzejjer sabiex jkiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' taghrif falz billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni li tappartjeni ghal vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni originali KBE197 bin-numru tar-registrazzjoni CBJ017, liema numru jappartjenu vettura ohra.

g) Talli nhar il-14 ta' Jannar 2018, u xhur u granet ta' qabel din il-gurnata, gewwa dawn il-gzejjer uza vettura bin-numru ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe uza l-pjanci bin-numru tar-registrazzjoni originali ta' vettura Opel tip Astra CBJ017 fuq il-vettura ta' ghamla Seat tip Cordobo KBE197 li kien qieghed jsuq hu stess (Sec 15 (1A) kap 65)

h) U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkustanzi saq vettura tal-ghamla Seat tip Cordoba bin-numru ra' registrazzjoni CBJ017 liema pjanci ta' registrazzjoni jappartjenu vettura ohra u cioe dik tal-ghamla Opel tat-tip Astra.

i) Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkustanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni ghal-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur ta' artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

j) Talli fl-istess dati, lok, hin u cirkustanzi saq vettura meta ma kellux il-licenzja tas-sewqan valida.

k) U talli minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din il-vettura u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kiser il-provediment tal-artikolu 7 u 22 tal-Kap 446 u artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata 5 ta' Awwissu 2016 mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Kif ukoll kiser il-provediment tal-artikoli 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata 19 ta' Ottubru 2017 tal-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta ma' l-imputat bhala recediv u dan wara li nghata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula bi ksur tal-Art 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilement mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Damien Cesare, a beneficju ta' Lynsey Marie Harrington u familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Lynsey Marie Harrington u familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Damien Cesare b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-imsemmija persuna tigi skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Jannar 2018, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, mmarkat bhala Dok JM1.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Josric Mifsud.

Rat ir-rapport tal-Probation officer Matthew Fleri Soler li gie ipprezentat fid-19 ta' April 2018 (*a fol.* 40) u n-noti tieghu li gew ipprezentati minnhu dwar l-andament tal-akkuzat.

Semghat ix-xhieda ta' Lynsey Marie Harrington, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2021 fejn minn naha taghha ddikjarat illi ma' kellhiex aktar interess fil-kawza u kienet qed tahfer lil imputat.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021 l-imputat irregistra ammissjoni ghal imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Semghat it-tratazzjoni finali tad-difiza fuq il-piena, fejn l-Prosekuzzjoni irrimettiet ruha għad-deċizzjoni tal-Qorti rigward l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali ta' l-imputat, ta' l-ammissjoni tieghu u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 8, 41, 49, 50, 151, 160, 188 (1), 202(h)(iv), 221, 221(3), 222(1)(a) u 251B, 338(dd), 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3(1)u 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll Artikolu 15(1)(a), 15(1A) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat Damien Cesare, **hati** tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal **tnax-il xahar (12) prigunerija effettiva, kif ukoll ghall-hlas ta' multa ghas-somma ta' erba' t'elef Euro (€ 4,000).**

Ai termini ta' l-**Artikolu 3(2A)** tal-Kapitolu 104 u **Artikolu 15(3)** tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-iskwalifika ta' l-

imputat, milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien **sitt xhur (6) mill-gurnata li tigi skontata l-piena karcerarja ta' l-imputat.**

Ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati Damien Cesare b'**Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **hames snin (5)** millum ghall-protezzjoni ta' **Lynsey Marie Harrington u l-familjari taghha.** Il-Qorti fissret lil imputat Damien Cesare bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Illi rigward it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile* ai termini tal-Artikoli 383, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata stante is-sejba ta' htija fil-konfront tal-imputat u ghalhekk qeda torbot lil hati **Damien Cesare** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena, minn meta il-piena moghtija tkun giet skuntata,** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jdejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Lynsey Marie Harrington u l-familjari taghha.**

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ORDNI TA' PROTEZZJONI**
*(SKOND L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**ILLUM 15 ta' Lulju 2021**

**PULIZIJA**

**Vs**

**Damien Cesare**
**(116798M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors/ Semgħat il-Partijiet;

Wara li rat l-Artikolu 412 Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat **Damien Cesare** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 116798M taħt is-segwenti kundizzjonijiet:

a) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużat/a milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **Lynsey Marie Harrington u l-familjari tagħha.**

b) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat/ għal perjodu ta' **ħames (5) snin** ġewwa l-fond fejn tirrisjedi/jirrisjedi/u, jaħdem/taħdem jew j/tiffrekwenta **Lynsey Marie Harrington u l-familjari tagħha** kif wkoll jekk l-akkużat/a ikollu/a xi interess legali f'dak il-fond.

c) Tipprojbixxi lill-akkużat/a milli j/tikkuntattja jew j/timmolesta lil **Lynsey Marie Harrington u l-familjari tagħha.**

d) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' **ħames (5) snin** millum.

e) Jekk mingħajr raġuni valida l-akkużat/a j/tikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu/a jista' jekk j/tinstab ħati/a jeħel multa ta' sebat elef Ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn, jew it-tnejn li huma.

Maġistrat
Dr Astrid May Grima
B.A., LL.D, Adv. Trib. Eccles. Melit.

Maġistrat

Akkużat

KRIM 30.2011